- *talba għall-ħruġ ta' interim order biex jiġi sospiż ġuri.*

**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rikors Nru. 407/2022/1 GM**
**fl-atti tar-Rik. Ġur. 407/2022 GM**

**Alfred Degiorgio (detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 541264(M)**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat,**

**u b'digriet tal-10 ta' Awwissu 2022 Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia gew awtorizzati jintervjenu fl-atti.**

**Digriet Kamerali**

Il-Qorti:

Permezz tar-rikors fuq imsemmi r-rikorrent qiegħed jitlob li jingħata provvediment *ad interim* fis-sens li l-ġuri fil-konfront tiegħu permezz tal-att ta' akkuża bin-numru 7/2019 fl-ismijiet *Ir-Repubbika ta' Malta -vs- George Degiorgio et.* appuntat għal Settembru 2022 quddiem il-Qorti Kriminali jiġi sospiż b'effett immedjat sakemm ikun hemm esitu definittiv fil-kawza Kostituzzjonali numru 407/2022.

Din il-Qorti tibda bil-premura li a skans ta' kull ekwivoku legali, wieħed irid jagħmel distinzjoni netta bejn, il-kwistjoni tal-eżistenza tal-elementi meħtieġa għall-kisba ta' ordni *ad interim,* u l-kwistjoni sostantiva tal-possibbli effett tal-bumbardament tal-*media* fuq moħħ il-ġurati u l-ġudikant sedenti fil-Qorti Kriminali. Din tal-aħħar hija materja li għad trid tigi kkunsidrata fil-kawża Kostituzzjonali proprja u l-Qorti sejra toqgħod lura milli tikkummenta dwarha.

In vista ta' dan, il-Qorti trid toqgħod b'sebgħa għajnejn, li fil-konsiderazzjonijiet tar-rikors odjern, ma taqbiżx il-limiti ta' dak li għandu jiġi kkunsidrat, sabiex ma tagħmilx riflessjonijiet fuq il-mertu tar-Rikors Kostituzzjonali, għaliex dan irid jibqa' impreġudikat.

Il-problema tal-opportunita` o meno li jingħataw miżuri fil-pendenza ta' kawżi dwar allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali tal-bniedem ġiet ittrattata diversi drabi mill-Qrati kemm fuq livell mondjali, kemm reġjonali kif ukoll nazzjonali.  Fi kliem il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja: "*The essential criterion is indeed **the irreversibility of the consequences, in the sense of the***

***inability of the author to secure his rights****, should there later be a finding of a violation of the Covenant on the merits".*[1] Kriterju li ġie segwit mill-Qorti ta' Strasburgu.[2]

Il-Qorti ta' Strasburgu tisħaq ripetutament li l-miżuri *interim* jingħataw f'oqsma limitati[3]; saħansitra stqarret li toħroġhom "***as a matter of principle, in truly exceptional cases***".[4]

Tipikament, miżuri *interim* jingħataw f'każijiet li jinvolvu d-dritt għall-ħajja u d-dritt ta' ħarsien minn trattament inuman u degradanti. Għalhekk il-ħsara irreparabbli tinftihem l-ewwel u qabel kollox bħala t-tneħħija tal-ħajja jew ħsara lill-ġisem.[5] Huwa minnu li lil hinn minn din il-qalba, kien hemm ċerta espansjoni, *sia pure* f'każijiet eċċezzjonalissimi.

Allegat ksur tad-dritt għall-ħajja privata u għall-ħajja familjari xi drabi ta' lok għall-ħruġ ta' miżuri *interim.*

F'każijiet eċċezzjonali ħafna, il-Qorti ta' Strasburgu toħroġ miżuri *interim* biex iżżomm milli jitwettqu allegati **vjolazzjonijiet flagranti tad-dritt ta' smiegħ xieraq** jew id-dritt għas-sigurta` u l-liberta`. Każ minnhom kien ta' Othman, mill-Jordan, li ġie akkużat *in absentia* li ħa sehem f'attakki fuq skola Amerikana u l-lukanda Jerusalemm f'Amman fil-1998. Huwa kien ħarab mill-Jordan u ngħata status ta' refuġjat fir-Renju Unit sakemm is-*Secretary of*

---

[1] Charles E. Stewart v. Canada
[2] Ilaşcu and Others v. the Republic of Moldova and Russia, Rodić and Others v. Bosnia and Herzegovina

[3] Mamatkulov and Askarov v. Turkey § 104.
[4] Savriddin Dzhurayev v. Russia § 213.
[5] Karen Reid, A Practioner's Guide to the European Convention on Human Righ̄ts, pg 19

*State* iddeċieda li jibgħatu lura l-Jordan. Othman beża' li jekk jiġri hekk kien hemm riskju li jiġi ttorturat biex jiġi mġiegħel jammetti. Il-Qorti qalet li l-fatt li evidenza miksuba bit-tortura ta' terzi persuni setgħet tiġi użata fil-proċess kontra Othman kienet issarraf f'ċaħda flagranti tal-ġustizzja li kienet iġġib l-estradizzjoni fi ksur tal-Konvenzjoni. Għalhekk kien possibbli li jingħata ħarsien interim minħabba ksur tal-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni. Dejjem skont il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasburgu, l-livell tal-ksur antiċipat f'materji lil hinn mid-dritt għall-ħajja u għall-ħelsien minn tortura u trattament inuman, biex jiġi aċċettat bħala bażi għal ordni *interim*, irid ikun wieħed flagranti; it-*threshold* irid ikun tassew wieħed għoli.[6]
Skont il-Kostituzzjoni ta' Malta, s-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f'kawżi ta' għamla kostituzzjonali mhumiex imfissrin b'mod eżawrjenti f'xi dispożizzjoni partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab tagħti huma mħollijin fid-diskrezzjoni tagħha fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ.

Hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwistjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għal pressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet.[7]

F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ *prima facie* ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura

---

[6] Helen Keller u Cedric Marti - Interim Relief compared: Use of Interim Measures by the UN Human Rights Committee and the European Court of Human Rights, Jannar 2013 www.zaoerv.de.
[7] Ara provvediment P.A. (Kost.) AJM 5.10.1999 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Gauċi et vs Avukat Ġenerali et

fil-każ tiegħu.[8] Għalhekk, mhuwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li **jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali** li jagħmluh meħtieġ.[9]

Huwa stabbilit ukoll li biex jinħalqu ċ-ċirkostanzi ħalli jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ jintwera wkoll minn min jitolbu li hemm ħsara **imminenti** li titlob it-teħid ta' provvediment bħal dak.[10]

Il-ġurisprudenza Maltija fil-prattika ssegwi l-linji-gwida mfassla mill-Qorti ta' Strasburgu dwar l-applikabilita` ta' ordnijiet *interim.*

F'dan l-isfond, dawn il-Qrati ħafna drabi ċaħdu talbiet sabiex jiġu sospiżi proċeduri kriminali pendenti s-smiegħ ta' kawżi kostituzzjonali ibbażati fuq nuqqas ta' smiegħ xieraq. Hekk per eżempju, din il-Qorti, diversament ippreseduta, ċaħdet talba biex jiġi sospiż ġuri minħabba *inter alia* li ma ngħatax l-opportunita` li jkellem avukat qabel l-interrogatorju.[11]

Hemm l-aspettattiva li, partikolarment f'każ bħal ma hu dan, l-imħallef sedenti fil-Qorti Kriminali jiddirieġi lill-ġurati sabiex iżommu ferma f'moħħhom il-preżunzjoni tal-innoċenza tal-akkużat u li jiddeterminaw il-ħtija jew l-innoċenza tiegħu biss abbażi tal-provi tal-prosekuzzjoni u mhux ta' setgħu semgħu jew qraw barra mill-Qorti. Ir-rikorrent jibża' li l-ġurati sejrin

---

[8] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006) § 2.2.8.3, p. 113.

[9] Deg P.A. (Kost.) AE 16.4.2014 fil-kawża fl-ismijiet Daniel Alexander Holmes vs Avukat Ġenerali et.

[10] Kost. 25.9.2014 fil-kawża fl-ismijiet Federation of Estate Agents vs Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et. Anthony Mario Vella v. Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali 27.07.2018 deċiż minn din il-Qorti (ukoll in sede Kostituzzjonali) diversament ippreseduta (Onor. Imħ. Lorraine Schembri Orland, illum Imħallef fil-Qorti ta' Strasburgu) kien każ uniku – lil hinn mill-kategoriji normali li fihom soltu jistgħu jingħataw interim orders - li fih il-Qorti ħarġet interim order li bih ġew sospiżi l-effetti ta' sentenza (mandat ta' żgumbrament) minn fond sakemm il-Qorti setgħet tisma' l-provi tar-rikorrenti fir-rigward. Huma allegaw nuqqas ta' smiegħ xieraq fil-kawża li wasslet għas-sentenza in kwistjoni.

[11] Rosario Sultana v. Avukat Generali 03.11.2016 Prim'Awla per Onor.Imħ. (illum S.T.O. Prim Imħallef) Mark Chetcuti.

jinjoraw direzzjoni bħal din.  B'danakollu, mis-sentenza tal-Qorti tal-Kriminali, jekk jinstab ħati, ir-rikorrent ikollu kull dritt li jappella quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kemm-il darba ma jkollux smiegħ xieraq.  Dan apparti r-rimedji li tista' tagħti din il-Qorti stess f'din il-kawża kostituzzjonali pendenti quddiemha f'każ li tinstab il-vjolazzjoni allegata mir-rikorrent. F'każ li din il-Qorti tiċħad it-talba, hemm Qrati ogħla kemm f'Malta kif ukoll fi Strasburgu li għalihom ir-rikorrent ikun jista' jirrikorri jekk ikun il-każ.

Għalhekk mhuwiex il-każ li sejjer isofri xi preġudizzju li ma jistax jissewwa.

Il-Qorti tosserva li l-ilment tar-rikorrent seta' tqanqal anke fi żmien bikri tal-kumpilazzjoni, li ilha sejra iktar minn erba' snin.  Ir-Rikorrent għal raġunijiet li jafhom hu, ħass li għandu jagħmel dan l-ilment meta kien inħareġ l-Att ta' akkuża u hu imminenti li jinbdew il-proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali.

Din il-Qorti temmen, li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-kaz, azzjoni ta' din ix-xorta għandha tiġi eżerċitata fil-mument idoneju biex tiġi evitata l-konsegwenza li ġġib fix-xejn l-ingranaġġ ta' proċeduri oħrajn meta dan seta' jkun evitat b'mod tempestiv. Il-proċeduri li hemm pendenti issa, wara li nħareġ l-att ta' akkuża, kienu prevedibbli minn żmien ilu. Dan qiegħed jingħad biss u limitatament għall-fini tat-talbiet li għandha quddiemha din il-Qorti f'dawn il-proċeduri, għax għall-bqija l-pretensjonijiet tar-rikorrent f'dan ir-rigward għad iridu jkunu eżaminati fis-sustanza tagħhom fil-kawża Kostituzzjonali pendenti quddiem din il-Qorti stess.

Fl-aħħar nett, hemm punt ieħor f'dawn il-proċeduri li fil-fehma ta' din il-Qorti għandu jingħata piż xieraq. Ir-rikors in kwistjoni qiegħed isir minn wieħed minn żewġ ko-akkużati fil-proċeduri Kriminali. L-akkużat l-ieħor ma ħassx il-htieġa li jagħmel rikors simili. Il-fehma ta' din il-Qorti talba simili

teffettwa ukoll l-interessi tal-imputat l-ieħor. Fin-nuqqas ta’ rikors simili da parti tiegħu, il-Qorti ma tistax tippreżumi li huwa ukoll irid li l-proċeduri kriminali jieqfu bil-mod li qiegħed jitlob ir-rikorrent bir-rikors odjern. Fil-kunsiderazzjonijiet tagħha din il-Qorti ma tistax ma tqisx l-interess tal-ko-imputat l-ieħor li l-proċeduri jimxu mingħajr dewmien żejjed.  Fi kwalunkwe każ il-proċeduri ordinarji m’għandhomx jiġu indebitament intralċjati u l-funzjonament tagħhom ipparalizzat.

Għaldaqstant għar-ragunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qegħdha tiċħad it-talbiet tar-rikorrent kif mitluba fir-rikors tiegħu numru 407/2022/1.

Spejjez ta’ dan l-episodju a` karigu tar-rikorrent.

Mogħti kameralment illum, 12 t’Awwissu 2022.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA